# 221. Il-Ħanżir u t-Twajbin

Il-ħanżir telaq
minn ġor-razzett,
għax xtaq ix-xorti
li jkun elett

Tal-Maltin kollha
rappreżentant
fil-Kamra l-Baxxa,
u għaldaqstant

Is-surtun libes,
libes nuċċali,
it-tomna libes
libes l-istvali,

Mal-partit ħareġ
tan-nies twajbin,
kellhom il-fama
ta' qaddisin!

Bdiet il-kampanja,
u ħmieġ bla qies
tant beda ħiereġ
minn dawn in-nies,

Li l-ħanżir tqażżeż,
u qal bl-inkwiet:
oh! x'porkeriji,
u ħniżrijiet!

U bil-mod bewweġ
lejn ir-razzett,
ix-xewqa seħet
li jkun elett!